32003D0729

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Ottubru 2003

li tmenda d-Deċiżjoni 2002/300/KE li tistabbilixxi elenku ta' żoni approvati in rigward il-*Bonamia ostreae* u/jew il-*Marteilia refringens*

(innotifikata bid-dokument numru K(2003) 3463)

(Test b'relevanza għaż- ŻEE)

(2003/729/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 li tirrigwarda l-kondizzjonijiet tas-sanità ta' l-annimali li tirregola *marketing* ta' annimali u prodotti mrobbija u prodotti mill-akkwakultura [1], kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 [2], u b' mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/300/KE(3), kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2003/378/KE(4), tippreskrivi ż-żoni fl-Irlanda kkonsidrati bħala li huma ħielsa mill-mard *Bonamia ostrea* u/jew *Marteilia refringens*.

(2) l-Irlanda informat lil Kmmissjoni b' ittar ddatata l-24 ta' Ġunju 2003 bl-iskoperta tal-*Bonamia ostrea* fil-Bajja Blacksod fuq il-kosta ta' County Mayo, żona li qabel kienet ikkonsidrata ħielsa minn dik il-marda. Dik iż-żona għaldaqstant ma tistax titqies aktar bħala li hi ħielsa mill-marda *Bonamia ostrea*.

(3) Id-Deċiżjoni 2002/300/KE għaldaqstant għandha tiġi emendata skond din l-iskoperta.

(4) Il-miżuri preskritti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentarja u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2002/300/KE hu mibdul mit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Ottubru 2003.

Ghall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 46, tad-19.02.91, p. 1.
[2] ĠU L 122, tas-16.05.03, p. 1.

L-ANNESS

"L-ANNESS

ŻONI APPROVATI GĦAL WIEĦED JEW IŻJED GĦALL-MARD TAL-MOLLUSKI *BONAMIA OSTREA* U *MARTEILIA REFRINGENS*

1.A. **Żoni fl-Irlanda approvati in rigward ta' S sa *B. Ostreae***

— Il-kosta kollha ta' l-Irlanda ħlief għas-sitt żoni li ġejjin:
  — Il-Port ta' Cork
  — Il-Bajja ta' Galway
  — Il-Port ta' Ballinakill
  — Il-Bajja Clew
  — Il-Kanal ta'Achill
  — Loughmore,Il-Bajja ta' Blacksod

1.B. **Iż-żoni fl-Irlanda approvati in rigward ta' *M. Refringens***

— - Il-kosta kollha ta' l-Irlanda

2.A. **Iż-żoni fir-Renju Unit, il-Gżejjer tal-Kanal Ingliż u *Isle* ta' Man approvati in rigward għal *B. Ostreae***

— Il-kosta kollha tal-Gran Brittanja, bl-eċċezzjoni taż-żoni li ġejjin:
  — il-kosta tan-nofs in-nhar ta' Cornwall mil-Lizard sa Start Point
  — iż-żona ta' madwar l-estwarju tas-Solent minn Portland Bill sa Selsey Bill
  — iż-żona matul il-kosta f'Essex minn Shoeburyness sal-punt Landguard.

— Il-kosta kollha ta' l-Irlanda ta' Fuq

— Il-kosta kollha ta' Guernsey u Herm

— Iż-żona ta' l-Istati ta' Jersey: iż- żona tikkonsisti fiż-żoni ta' bejn il-mili u l-friegħ tal-baħar u l-kosta li tiġi eżatt ma' fejn hemm l-anqas livell ta' friegħ fil-Gżira ta' Jersey f'linja immaġinarja maħżuża tliet mili nawtiċi mill-aktar livell baxx ta' friegħ tal-Gżira ta' Jersey. Iż-żona hi sitwata fil-Golf Normano-Breton, fuq in-naħa tan-nofs in-nhar tal-Kanal Ingliż

— Il-kosta kollha ta' Isle ta' Man

2.B. **Żoni fir-Renju Unit, iċ- Channel Islands u l-Isle ta' Man approvati in rigward ta' *M. Refringens***

— Il-kosta kollha tal-Gran Brittanja

— Il-kosta kollha ta' l-Irlanda ta' Fuq

— Il-kosta kollha ta' Guernsey u Herm

— Iż-żona ta' l-Istati ta' Jersey: iż-żona tikkonsisti fiż-żoni ta' bejn il-mili u l-friegħ tal-baħar u l-kosta li tiġi eżatt ma' fejn hemm l-anqas livell ta' friegħ fil-Gżira ta' Jersey f'linja immaġinarja maħżuża tliet mili nawtiċi mill-anqas livell baxx ta' friegħ ta' l-ilma tal-Gżira ta' Jersey. Iż-żona hija sitwata fil-Golf Normano-Breton, fuq in-naħa tan-nofs in-nhar tal-Kanal Ingliż

— Il-kosta kollha ta' Isle ta' Man"